IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**

**MINUTI tal-Laqgħa A 35**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija Itaqa' nhar**
**L-Erbgħa 30 ta' Ottubru 2013 fis-6.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

Data u ħin

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 pm

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A33**

1.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A33 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Il-minuti ġew approvati. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A33

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A33** — Punti li joħorġu mill-Minuti A32

2.01 2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-perit għandu jagħtina l-istimi fil-jiem li ġejjin. — *Patching* f'Tas-Sirena

2.02 2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ittra dwar l-*istatistical report* intbagħtet iżda li għad m'għandniex risposta. — Applikazzjoni mal-MEPA dwar bini ta' blokk appartamenti fi Triq Patri Tumas Xerri

2.03 2.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kumitat Amministrattiv ma jistax joġġezzjona peress li ż-żmien tal-appell għadda. — Oġġezzjoni għall-iżvilupp fi Triq Patri Tumas Xerri

2.04 3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li ssir applikazzjoni sabiex Triq il-Fiddien titwessa'. — Talba biex triq il-Fiddien titwessa'


8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| **3.00** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A34** | |
| 3.01 | Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A34 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. Il-minuti ġew approvati. | Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A34 |
| **4.00** | **Kommunikazzjoni mill-membri** | |
| 4.01 | Is-Sur Anġlu Portelli informa l-laqgħa li hemm ħafna ħmieġ fis-*soft area* li tagħmel parti mil-bandli u li t-tabelli kienu għadhom ma twaħħlux. Huwa talab ukoll li ssiru *dustbins* fil-bandli.<br>Iċ-Ċerpersin Paul Grech informa l-laqgħa li kien ser ikellem lill-kuntrattur sabiex jieħu ħsieb inaddaf is-*soft area.*<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-tabelli ġew ordnati u għandhom jitwaħħlu sa qabel il-festa ta' San Martin. | *Soft Area* u l-Bandli tal-Baħrija |
| 4.02 | Is-Sur Anġlu Portelli informa l-laqgħa li fi Triq il-Fiera u fi Triq il-Mantell saru s-sinjali tat-traffiku, però fi Triq is-Sajf ta' San Martin dawn baqgħu ma sarux.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li saru biss is-sinjali li nħareġ il-permess għalihom. | Sinjali tat-traffiku fi Triq il-Fiera u Triq il-Mantell |
| 4.03 | Is-Sur Anġlu Portelli informa l-laqgħa li s-servizz tal-knis ma kienx qed isir.<br>Iċ-Ċerpersin Paul Grech wieġeb li ser jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur. | Servizz ta' knis |
| 4.04 | Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li jitqabbad gwardjan lokali sabiex joqgħod għassa mal-bandli waqt il-fiera ta' San Martin, nhar il-Ħadd 10 ta' Novembru bejn l-10 am u l-5 pm. Dan sabiex jiġi evitat li ssir il-ħsara u li jitħalla l-ħmieġ fil-bandli. Il-Kumitat qabel. | Servizz ta' gwardjan lokali |
| 4.05 | Is-Sur Anġlu Portelli ppropona li titwaħħal tabelli bil-ħinjiet tal-ftuħ mal-latrina pubblika tal-Baħrija. Il-Kumitat qabel. | Tabella tal-ħinjiet tal-ftuħ tal-latrina |
| 4.06 | Is-Sur Anġlu Portelli informa l-laqgħa li hemm bżonn li jsir *patching* ta' żewġ ħofriet li jinsabu fi Triq is-Sajf ta' San Martin. Waħda fil-bidu ta' din it-triq u l-oħra kif taqbeż Triq ir-Rummien. | *Patching* fi Triq is-Sajf ta' San Martin |
| 4.07 | Is-Sur Anġlu Portelli ppropona li jsir *embellishment* ta' Triq Triq Raddet ir-Roti k/m | *Embellishment* ta' Triq Raddet ir-Roti |

Triq il-Karità. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tressaq din il-proposta lill-perit tal-Kunsill sabiex jagħtina diżinn u stima qabel ma nkunu nistgħu nipproċedu bl-applikazzjonijiet meħtieġa sabiex dan it-tisbiħ ikun jista' jsir. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. Il-Kumitat qabel.

k/m Triq il-Karità

4.08 Is-Sur George Attard ġibed l-attenzjoni li hemm wajer tad-dawl imdendel mal-faċċata ta' residenza li tinsab fi Triq il-Lewż k/m Triq il-Kappella l-Qadima. Dan il-wajer ilu aktar minn sena li ġie rrapurtat iżda baqa' kif kien. Il-Kumitat qabel li għandna nerġgħu ngħaddu dan ir-rapport lill-Korporazzjoni Enemalta.

Wajer tad-dawl imdendel – Triq il-Lewż k/m Triq il-Kappella l-Qadima

4.09 Iċ-Ċerpersin Paul Grech informa l-laqgħa li din is-sena dakinhar tal-fiera ta' San Martin mhu ser jarma ħadd fi Triq is-Sajf ta' San Martin ħlief ir-residenti. Il-permessi ħarġu biss għal Triq il-Karità u Triq Raddet ir-Roti.

Permessi għal waqt il-fiera ta' San Martin

4.09.1 Is-Sur Anġlu Portelli talab li nagħmlu kuntatt mal-pulizija sabiex dak inhar tal-fiera ta' San Martin, Triq ta' Namura, Triq l-Iskola u Triq il-Palazz ma jiġux ostakolati bil-parkeġġ tal-karozzi f'nofs it-toroq. Il-Kumitat qabel.

4.09.2 Is-Sur Paul Galea informa l-laqgħa li s-sena l-oħra, dakinhar tal-fiera ta' San Martin, Triq il-Palazz kienet magħluqa bil-karozzi.

**5.00 Affarijiet Oħra**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-membri sabiex jissottomettu s-suġġerimenti tagħhom għall-budget 2014.

Budget
Jan-Ġun 2014

5.02 Is-Sur Paul Galea ppropona li bil-flus li jifdal *extra* mill-kuntratti eżistenti, isiru xi toroq bit-tarmak.

**6.00 Data tas-seduta li jmiss**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 4 ta' Diċembru 2013 fis-6.00 pm.

Aġġornament

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.50 pm.

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**